**STQARRIJA GĦALL-MEDIA:**

**Ir-rappreżentanza baxxa ta' nisa fil-politika trid tiġi indirizzata**

*"Nemmen li l-parteċipazzjoni tan-nisa hi fundamentali għad-demokrazija u essenzjali għall-kisba tal-iżvilupp sostenibbli u tal-paċi. U issa hemm* data *li turi li pajjiżi li għandhom aktar ugwaljanza bejn is-sessi għandhom prodott gross nazzjonali għola ras għal ras, u t-tmexxija tan-nisa fis-settur korporattiv jirriżulta f'andament aħjar għan-negozju. U aħna nafu li pajjiżi b'aktar nisa fil-parlament għandhom it-tendenza li jkollhom aktar liġijiet ġusti u programmi soċjali u* budgets *li minnhom jibbenefikaw in-nisa, it-tfal u l-familji"* – Michelle Bachelet – Direttur Eżekuttiv tal-UN Women (2011).

L-importanza tal-bilanċ bejn is-sessi fit-teħid tad-deċiżjonijiet fl-isfera politika hi rikonoxxuta b'mod wiesa'. F'Malta, bilanċ bejn is-sessi kien intlaħaq fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2014, li wassal ghal 66% ta' rappreżentanza tan-nisa. Madanakollu, bħalissa il-persentaġġ tan-nisa fil-Parlament nazzjonali hu ta' 13% filwaqt li l-medja globali hi ta' 22.8%. Barra minn hekk, din is-sitwazzjoni qed tirrifletti b'mod negattiv il-pożizzjoni ta' Malta fil-*Global Gender Gap Report 2015* fil-qasam tal-*empowerment* politiku, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam man-nisa fil-Parlament u n-nisa f'pożizzjonijiet ministerjali. Malta giet fil-108 u l-123 post rispettivament minn fost 145 pajjiż. Fil-kuntest tar-rata baxxa ħafna tal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika f'Malta, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) qed tagħmel sejħa għall-introduzzjoni ta' miżuri fl-istadju tal-kandidatura sabiex jiżdied in-numru ta' nisa f'dan il-qasam.

L-NCPE qed tressaq proposta biex tiddaħħal sistema li biha s-soċjetà Maltija tagħmel ħilitha biex tkun rappreżentata b'bilanċ bejn in-nisa u l-irġiel fuq bażi fit-tul. Biex jintlaħaq dan il-għan, il-partiti politiċi għandhom jalternaw bejn il-kandidati nisa u irġiel fil-listi elettorali ppreżentati fit-tliet livelli kollha – l-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali, tal-Parlament nazzjonali u tal-Parlament Ewropew. Is-sistema tista' tiddaħħal fuq numru ta' snin kif ġej:

- rappreżentanza ta' mill-inqas 30 fil-mija kemm tal-irġiel u anki tan-nisa fil-listi elettorali tal-partit għall-elezzjonijiet li ġejjin, fit-tliet livelli kollha
- rappreżentanza ta' mill-inqas 40% kemm tal-irġiel u anki tan-nisa fil-listi elettorali tal-partit fl-elezzjonijiet li jkun imiss, fit-tliet livelli kollha
- rappreżentanza ta' mill-inqas 50% kemm tal-irġiel u anki tan-nisa fil-listi elettorali tal-partit fl-elezzjonijiet sussegwenti kollha għal kull wieħed mit-tliet livelli.

Il-listi li ma jkunux skont din ir-regola għandhom jiġu mwarrba mill-Kummissjoni Elettorali.

L-NCPE tiddikjara li l-introduzzjoni ta' sistema permanenti li tassigura bilanċ bejn is-sessi fit-teħid tad-deċiżjonijiet fl-isfera politika tixpruna l-istituzzjonijiet nazzjonali, il-partiti politiċi u s-soċjetà ċivili biex isiru mexxejja tal-bidla u jindirizzaw dawk l-ostakli soċjali, kulturali u strutturali li jtellfu mill-parteċipazzjoni politika tan-nisa. Dawn jinkludu ambjent li hu ddominat mill-irġiel li jagħmilha aktar diffiċli għan-nisa li jipparteċipaw u jirnexxu, *incumbency* li wkoll hi ddominata mill-irġiel, nuqqas ta' kandidati nisa, diskriminazzjoni diretta u indiretta fl-għażla tal-kandidati u strutturi ta' appoġġ li huma dgħajfa għall-persuni b'responsabbilitajiet familjari, kif ukoll *issues* li għandhom x'jaqsmu ma' nuqqas ta' riżorsi finanzjarji u appoġġ mill-familja.

L-NCPE tenfasizza l-importanza ta' rappreżentanza ugwali bejn is-sessi fl-isfera politika biex jiġi indirizzat dan id-*deficit* demokratiku għaliex in-nuqqas ta' rappreżenanza ta' sess wieħed, bħalissa huwa dak tan-nisa, effettivament ifisser li n-nisa m'humiex qed ikunu inklużi b'mod sħiħ fil-proċess demokratiku. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel twassal għal *"aktar liġijiet ġusti u programmi soċjali u* budgets *li minnhom jibbenefikaw in-nisa, it-tfal u l-familji"* (Bachelet 2011).

**It-Tlieta 18 ta' Ottubru 2016**